

32004D0585

3.8.2004

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

L 256/17

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL**tad-19 ta' Lulju 2004****li tistabbilixxi Kunsilli Konsultattivi Reġjonali taħt il-Politika Komuni tas-Sajd**

(2004/585/KE)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 37 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew ⁽¹⁾,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ⁽²⁾,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 ta' l-20 ta' Diċembru 2002 dwar il-konservazzjoni u l-isfruttament sostenibbli ta' riżorsi tas-sajd taħt il-Politika Komuni tas-Sajd ⁽³⁾ u b'mod partikolari l-Artikoli 31 u 32 tiegħu, jipprovdni għal forum ġodda ta' parteċipazzjoni minn dawk li għandhom interess fil-Politika Komuni tas-Sajd permezz ta' l-istabbiliment tal-Kunsilli Konsultattivi Reġjonali.

(2) Approċ konsistenti għall-istabbiliment ta' Kunsilli Konsultattivi Reġjonali jeħtieġ li huma jikkorrispondu ma' unitajiet ta' amministrazzjoni bbażati fuq kriterji bijoloġiċi u li jkunu limitati fl-għadd biex joffru pariri li jagħmlu sens u għal raġunijiet prattiċi.

⁽¹⁾ Opinjoni mogħtija fl-1 ta' April 2004 (għadha mhux pubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).

⁽²⁾ Opinjoni mogħtija fis-26 ta' Frar 2004 (għadha mhux pubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).

⁽³⁾ ĠU L 358, tal-31.12.2002, p. 59. Regolament kif l-aħħar emendat mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1242/2004 (ĠU L 236, tas-7.7.2004, p. 1).

(3) Billi l-Kunsilli Konsultattivi Reġjonali huma organizzazzjonijiet immexxija minn min għandu nteress, huma għandhom jadattaw l-istruttura tagħhom għall-karatteristiċi speċifiċi tas-sajd u tar-reġjuni konċernati. Madankollu, hu meħtieġ qafas ġenerali għall-istabbiliment tal-Kunsilli Konsultattivi Reġjonali.

(4) Fl-interessi ta' l-effiċjenza, hu meħtieġ li jiġi llimitat id-daq tal-Kunsilli Konsultattivi Reġjonali waqt li jiġi assigurat li jinkludu l-interessi kollha affettwati mill-Politika Komuni tas-Sajd u waqt li jiġi rikonoxxut il-primat ta' l-interessi tas-sajd meta wieħed jikkunsidra l-effetti fuqhom ta' deċiżjonijiet u politiki ta' amministrazzjoni.

(5) Biex tiġi assigurata konsistenza dwar kwistjonijiet ta' nteress komuni għal iktar minn Kunsill Konsultattiv Reġjonali wieħed, hu essenzjali li jiġu stabbiliti kuntatti bejn il-Kunsilli Konsultattivi Reġjonali differenti.

(6) In vista tal-kompiti tal-Kumitat Konsultattiv dwar is-Sajd u l-Akwakultura mġedded bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 1999/478/KE ⁽⁴⁾, li hu magħmul minn rappreżentanti ta' firxa wiesa' ta' organizzazzjonijiet u nteressi Ewropej, il-ħidma tal-Kunsilli Konsultattivi Reġjonali għandha tiġi kkoordinata ma' dik ta' l-imsemmi Kumitat li lilu għandhom jintbagħtu wkoll ir-rapporti tagħhom.

(7) Biex jassigura l-istabbiliment effettiv tal-Kunsilli Konsultattivi Reġjonali, hu essenzjali li fondi pubbliċi jikkontribwixxu għall-ispejjeż tagħhom fil-fażi tal-bidu u għall-ispejjeż ta' interpretazzjoni u traduzzjoni.

⁽⁴⁾ ĠU L 187, ta' l-20.7.1999, p. 70.

- (8) Ammont finanzjarju ta' referenza, fis-sens tal-punt 34 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-6 ta' Mejju 1999 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar dixxiplina tal-*budget* u tijib fil-proċedura tal-*budget* ⁽¹⁾ hu inkluż f'din id-Deċiżjoni għaż-żmien kollu tad-dispożizzjonijiet ta' finanzjar, mingħajr ma dan jaffettwa s-setgħat ta' l-awtorità tal-*budget* kif imfissra fit-Trattat,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' din id-Deċiżjoni għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

- (1) "Stat Membru konċernat" għandha tfisser Stat Membru li għandu nteress ta' sajd fiż-żona jew sajd kopert minn Kunsill Konsultattiv Reġjonali;
- (2) "Settur tas-sajd" għandha tfisser is-sotto-settur li jaqbad (il-ħut) inklużi sidien ta' bastimenti, sajjieda fuq skala żgħira, sajjieda mpjegati, organizzazzjonijiet ta' produttori kif ukoll, fost l-oħrajn, min jipproċessa, kummerċjanti u organizzazzjonijiet oħra tas-suq u ċirkoli tan-nisa;
- (3) "Gruppi oħra ta' nteress" għandha tfisser, fost l-oħrajn, organizzazzjonijiet u gruppi ambjentali, produttori ta' l-akwakultura, konsumaturi u sajjieda diletanti jew sportivi.

Artikolu 2

Stabbiliment ta' Kunsilli Konsultattivi Reġjonali

1. Qed jiġi stabbilit Kunsill Konsultattiv Reġjonali għal kull wieħed minn dawn li ġejjin:

- (a) Il-baħar Baltiku
- (b) Il-baħar Mediterranju
- (ċ) Il-baħar tat-Tramuntana
- (d) Ibħra tal-Majjistral
- (e) Ibħra tal-Lbiċ
- (f) L-istoks Pelaġiċi
- (g) Flotta tal-baħar miftuħ/vjaġġi twal

2. Iż-żoni ġeografiki koperti minn kull Kunsill Konsultattiv Reġjonali huma stabbiliti fl-Anness I. Kull Kunsill Konsultattiv Reġjonali jista' jgħidliq sotto-diviżjonijiet biex jittratta kwistjonijiet li jkopru sajd speċifiku u reġjuni bijoloġiċi.

Artikolu 3

Proċedura

1. Rappreżentanti tas-settur tas-sajd u gruppi oħra li għandhom interess f'wieħed mill-Kunsilli Konsultattivi Reġjonali

⁽¹⁾ ĠU C 172, tat-18.6.1999, p. 1. Ftehim kif l-aħħar emendat mid-Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 2003/429/KE (ĠU L 147, ta' l-14.6.2003, p. 25).

għandhom iressqu talba dwar l-operat ta' dak il-Kunsill Konsultattiv Reġjonali quddiem l-Istati Membri konċernati u quddiem il-Kummissjoni. It-talba għandha tkun kompatibbli ma' l-oġġettivi, prinċipji u linji gwida tal-Politika Komuni tas-Sajd kif stabbilit fir-Regolament (KE) Nru 2371/2002 u għandha tinkludi:

- (a) dikjarazzjoni ta' objettivi
- (b) prinċipji dwar l-operat
- (ċ) regoli ta' proċedura inizjali
- (d) l-istima tal-*budget*
- (e) lista provviżorja ta' organizzazzjonijiet.

2. L-Istati Membri konċernati għandhom jistabbilixxu jekk l-applikazzjoni hijiex rappreżentativa u skond id-dispożizzjonijiet stabbiliti f'din id-Deċiżjoni, jekk meħtieġ, wara diskussjonijiet ma' min għandu interess, u għandhom, bi qbil komuni, jibgħatu rakkomandazzjoni lill-Kummissjoni dwar dak il-Kunsill Konsultattiv Reġjonali.

3. Wara valutazzjoni tar-rakkomandazzjoni u emendi possibbli fit-talba, il-Kummissjoni għandha tadotta deċiżjoni kemm jista' jkun malajr u għandha, f'kull każ, timmira biex tadottaha mhux iżjed tard minn tliet xhur wara, waqt li tispeċifika d-data minn meta l-Kunsill Konsultattiv Reġjonali jrid jibda jaħdem. Id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.

Artikolu 4

Struttura

1. Kull Kunsill Konsultattiv Reġjonali għandu jkun magħmul minn assemblea ġenerali u kumitat eżekuttiv.

2. L-assemblea ġenerali għandha tiltaqa' għall-inqas darba fis-sena biex tapprova r-rapport annwali u l-pjan strateġiku annwali mfassal mill-kumitat eżekuttiv.

3. L-assemblea ġenerali għandha taħtar kumitat eżekuttiv ta' mhux iżjed minn erba' u għoxrin membru. Il-kumitat eżekuttiv għandu jamministra l-ħidma tal-Kunsill Konsultattiv Reġjonali u jadotta r-rakkomandazzjonijiet tiegħu.

Artikolu 5

Sħubija

1. Il-Kunsilli Konsultattivi Reġjonali għandhom ikunu magħmula minn rappreżentanti mis-settur tas-sajd u gruppi oħra ta' nteress affettwati mill-Politika Komuni tas-Sajd.

2. Organizzazzjonijiet Ewropej u nazzjonali li jirrapreżentaw lis-settur tas-sajd u l-gruppi ta' interess oħra jistgħu jipproponu membri lill-Istati Membri konċernati. L-Istati Membri konċernati għandhom jaqblu dwar il-membri ta' l-assemblea ġenerali.

3. Fl-assemblea ġenerali u l-kumitat eżekuttiv, żewġ terzi tas-siġġijiet għandhom jiġu allokati għar-rappreżentanti tas-settur tas-sajd u terz għar-rappreżentanti tal-gruppi ta' interess l-oħra affettwati mill-Politika Komuni tas-Sajd.

4. Mill-inqas rappreżentant wieħed tas-sotto-settur tal-qabda mill-Istat Membru konċernat għandu jkun rappreżentat fil-kumitat eżekuttiv.

Artikolu 6

Parteċipazzjoni minn dawk mhux membri

1. Xjentisti minn istituti ta' l-Istati Membri konċernati jew korpi internazzjonali għandhom jiġu mistiedna jieħdu sehem bħala esperti fil-ħidma tal-Kunsilli Konsultattivi Reġjonali. Jista' wkoll jiġi mistieden kwalunkwe xjentist kwalifikat ieħor.

2. Il-Kummissjoni u amministrazzjonijiet nazzjonali u reġjonali ta' l-Istati Membri konċernati għandu jkollhom id-dritt li jieħdu sehem fi kwalunkwe laqgħa ta' Kunsill Konsultattiv Reġjonali bħala osservaturi attivi.

3. Rappreżentant tal-Kumitat Konsultattiv dwar is-Sajd u l-Akwakultura għandu jkollu d-dritt li jieħdu sehem fi kwalunkwe laqgħa ta' Kunsill Konsultattiv Reġjonali bħala osservatur attiv.

4. Rappreżentanti tas-settur tas-sajd u gruppi ta' nteress oħra minn pajjiżi terzi, nklużi rappreżentanti minn Organizzazzjonijiet Reġjonali tas-Sajd, li għandhom interess fis-sajd fiż-żona jew sajd kopert minn Kunsill Konsultattiv Reġjonali jistgħu jiġu mistiedna jieħdu sehem f'dak il-Kunsill Konsultattiv Reġjonali bħala osservaturi attivi meta jiġu diskussi kwistjonijiet li jaffettwawhom.

5. Il-laqgħat ta' l-assemblea ġenerali għandhom ikunu miftuħa għall-pubbliku. Il-laqgħat tal-kumitat eżekuttiv għandhom ikunu miftuħa għall-pubbliku sakemm, f'każijiet eċċezzjonali, ma jiġix deċiż mod ieħor b'maġġoranza tal-kumitat eżekuttiv.

Artikolu 7

Funzjonament

1. Kunsilli Konsultattivi Reġjonali għandhom jadottaw il-miżuri meħtieġa għall-organizzazzjoni tagħhom inklużi, kif xieraq, segretarjat u gruppi ta' ħidma.

2. Kunsilli Konsultattivi Reġjonali għandhom jadottaw il-miżuri meħtieġa biex jassiguraw trasparenza fl-istadji kollha tal-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet tagħhom. Rakkomandazzjonijiet adottati mill-kumitat eżekuttiv għandhom ikunu disponibbli immedjatament għall-assemblea ġenerali, għall-Kummissjoni, għall-Istati Membri konċernati u fuq talba, għal kwalunkwe membru tal-pubbliku.

3. Il-membri tal-kumitat eżekuttiv għandhom, fejn hu possibbli, jadottaw rakkomandazzjonijiet b'kunsens. Jekk ma

jistgħax jintlaħaq kunsens, l-opinjoni ta' membri li ma jaqblux għandhom jiġu reġistrati fir-rakkomandazzjonijiet adottati mill-maġġoranza tal-membri preżenti li jkun qed jivvotaw. Meta tirċievi r-rakkomandazzjonijiet bil-miktub il-Kummissjoni u, fejn hu rilevanti, l-Istati Membri konċernati għandhom jirrisponduhom b'mod preċiż f'perjodu raġonevoli ta' żmien u, mhux iżjed tard minn tliet xhur wara.

4. Kull Kunsill Konsultattiv Reġjonali għandu jaħtar president b'kunsens. Il-president għandu jaġixxi b'mod imparzjali.

5. L-Istati Membri konċernati għandhom jaġhtu s-sostenn xieraq, inkluża għajna loġistika, biex jiffaċilitaw il-funzjonament tal-Kunsill Konsultattiv Reġjonali.

Artikolu 8

Koordinazzjoni bejn Kunsilli Konsultattivi Reġjonali

Jekk kwistjoni tkun ta' nteress komuni għal żewġ Kunsilli Konsultattivi Reġjonali jew iżjed, huma għandhom jikkordinaw il-pożizzjonijiet tagħhom biex jadottaw rakkomandazzjonijiet konġunti dwar dik il-kwistjoni.

Artikolu 9

Finanzjar

1. Kunsill Konsultattiv Reġjonali li jkun kiseb personalità ġuridika jista' japplika għal għajna finanzjarja mill-Komunita.

2. Għajna tal-bidu mill-Komunita tista' tingħata għall-ispejjeż tal-funzjonament ta' Kunsill Konsultattiv Reġjonali fl-ewwel ħames snin tiegħu skond il-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Anness II, Parti 1.

3. Għajna mill-Komunita tista' tingħata għall-ispejjeż ta' l-interpretazzjoni u traduzzjoni tal-laqgħat tal-Kunsilli Konsultattivi Reġjonali kif stabbilit fl-Anness II Parti 2.

4. L-ammont finanzjarju ta' riferiment għall-implimentazzjoni ta' din l-azzjoni għall-perjodu 2004-2011 għandu jkun ta' EUR 7 596 000. Għall-perjodu wara l-31 ta' Diċembru 2006, l-ammont għandu jitqies li ġie kkonfermat jekk għal din il-fażi, jkun konsistenti mal-perspettivi finanzjarji fis-seħħ għall-perjodu li jibda fl-2007. L-appropriazzjonijiet annwali għandhom jiġu awtorizzati mill-awtorità tal-budget fil-limiti tal-perspettiva finanzjarja.

Artikolu 10

Rapport Annwali u Verifika

1. Kull Kunsill Konsultattiv Reġjonali għandu jibgħat rapport annwali dwar l-attivitatiet tiegħu lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri konċernati u lill-Kumitat Konsultattiv dwar is-Sajd u l-Akwakultura qabel il-31 ta' Marzu tas-sena wara dik koperta mir-rapport.

2. Il-Kummissjoni jew il-Qorti ta' l-Awdituri jistgħu, fi kwalunkwe żmien, jirranġaw biex issir verifika jew minn korp barrani magħżul minnha jew mill-Kummissjoni jew mid-dipartimenti tal-Qorti ta' l-Awdituri nfushom.

3. Kull Kunsill Konsultattiv Reġjonali għandu jaħtar awditur awtorizzat għat-tul tal-perijodu meta hu jkun qed jibbenefika minn fondi Komunitarji.

Artikolu 11

Reviżjoni

Tliet snin wara d-data meta jibda jaħdem l-aħħar Kunsill Konsultattiv Reġjonali, jew, mhux iżjed tard mit-30 ta' Ġunju 2007, il-Kummissjoni għandha tirrapporta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni u l-funzjonament tal-Kunsilli Konsultattivi Reġjonali.

Artikolu 12

Dħul fis-seħħ

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fis-seba' jum wara li tkun ġiet ippublikata fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Magħmula fi Brussekll, nhar id-19 ta' Lulju 2004.

Għall-Kunsill

Il-President

C. VEERMAN

ANNEX I

Kunsilli Konsultattivi Reġjonali msemmija fl-Artikolu 2

Isem tal-Kunsill Konsultattiv Reġjonali	Żoni ICES, diviżjonijiet CECAF u l-Kummissjoni tas-Sajd Ġenerali għall-Mediterran ⁽¹⁾
Il-baħar Baltiku	IIIB, IIIċ u IIId
Il-baħar Mediterranju	Ibħra Marittimi tal-Mediterran 'l-Lvant mill-linja 5°36' tal-Punent
Il-baħar tat-Tramuntana	IV, IIIa
Ibħra tal-Majjistral	V (minbarra Va u ibħra KE biss fi Vb), VI, VII
Ibħra tal-Lbiċ	VIII, IX, u X (ibħra madwar l-Azores), u diviżjonijiet CECAF 34.1.1, 34.1.2 u 34.2.0 (ibħra madwar Madeira u l-Gżejjer Kanarji)
Stokks Pelaġiċi (merlangu ikħal, kavalli, sawrell, aringi)	Iż-żoni kollha (minbarra l-Baħar Baltiku u l-Baħar Mediterran)
Flotta tal-baħar miftuħ/vjaġġi twal	L-ibħra kollha mhux KE

⁽¹⁾ Għall-finijiet ta' din id-Deċiżjoni żoni ICES huma kif imfissra fir-Regolament (KEE) Nru. 3880/91 (ĠU L 365, 31.12.1991, p.1) Regolament kif l-aħħar emendat mir-Regolament (KE) Nru 1882/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 284, 31.10.2003, p.1) u Diviżjonijiet CECAF huma kif imfissra fir-Regolament (KE) Nru. 2597/95 (ĠU L 270, 13.11.1995, p.1) Regolament kif l-aħħar emendat mir-Regolament (KE) Nru 1882/2003.

ANNEX II

Spejjeż magħmula mill-Kunsilli Konsultattivi Reġjonali

Parti 1

Kontribuzzjoni għall-ispejjeż tal-bidu tal-Kunsilli Konsultattivi Reġjonali (RAC)

Il-Komunità tikkontribwixxi parti mill-ispejjeż ta' l-operazzjoni mis-sena ta' l-istabbiliment tagħhom għal mhux iżjed minn ħames snin. L-ammont allokati għal kull RAC għall-ispejjeż ta' l-operazzjoni ma jkunx iżjed minn 90 % tal-*budget* ta' l-operazzjoni u ma jistax jaqbeż EUR 200 000 fl-ewwel sena. Fl-erba snin ta' wara, il-kontribuzzjoni finanzjarja massima tkun digressiva ⁽¹⁾ u tiddependi fuq il-*budget* disponibbli. Il-Kummissjoni tikkonkludi ma' kull RAC u għal kull sena "ftehim dwar għotja għall-funzjonament" li jstabbilixxi l-modalitajiet u kondizzjonijiet preċiżi u l-proċedura għall-għoti tal-finanzi. L-ispejjeż attwali biss ikunu soġġetti għall-kontribuzzjoni tal-Komunità, li tingħata bil-kondizzjoni li jkunu ġew allokati għejun oħra ta' finanzjament.

L-ispejjeż eliġibbli jkunu jikkonsistu fl-ispejjeż meħtieġa biex tiġi assigurata l-operazzjoni normali tar-RAC u biex jgħinuhom iwettqu l-għanijiet tagħhom.

L-ispejjeż diretti li ġejjin ikunu eliġibbli:

- spejjeż ta' persunal (spejjeż ta' persunal għal kull jum ta' ħidma fuq il-proġett);
- tagħmir ġdid jew użat;
- materjal u provvisti;
- tixrid ta' tagħrif lill-membri;
- spejjeż ta' vjaġġi u akkomodazzjoni ta' esperti li jattendu laqgħat tal-RAC (ibbażati fuq skali jew regoli stabbiliti mid-dipartimenti tal-Kummissjoni);
- verifiki;
- riżerva ta' kontinġenza ta' mhux iżjed minn 5 % ta' l-ispejjeż diretti eliġibbli.

Part 2

Spejjeż ta' interpretazzjoni u traduzzjoni

Il-Kummissjoni tikkonkludi ma' kull RAC u għal kull sena ftehim dwar għotja għall-azzjonijiet ta' mhux aktar minn EUR 50 000 li jstabbilixxi l-modalitajiet u kondizzjonijiet preċiżi u l-proċedura għall-għoti ta' finanzjament.

⁽¹⁾ L-ewwel sena: EUR 200 000 (90 %), it-tieni sena: EUR 165 000 (75 %), it-tielet sena: EUR 132 000 (60 %), ir-raba' sena: EUR 121 000 (55 %), il-hames sena: EUR 110 000 (50 %).